MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Numru 425/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**

**KONTRA**

**GODFREY SCICLUNA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Godfrey Scicluna bin Anthony u Gemma nee' Baldacchino, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17 ta' Marzu, 1968, residenti fil-fond numru 96, St Anthony, Triq Gio Maria Camilleri, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 151968(M);

1. Akkuzat talli nhar l-1 ta' Marzu, 2007 u xi granet qabel wara rrenda ruhu komplici f'delitt meta xjentement ghen jew assista persuna ohra biex

jipprepara u jikkunsma reat ta' frodi ghad-dannu tal-kumpanija tal-assigurazzjoni American Home Insurance, li l-agenti taghha huma Montaldo Insurance Agency, billi jirrapporta serq ta' vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni FBN 528 meta fil-fatt dan is-serq ma sehhx;

2. U aktar talli fl-istess zmien xewwex lil haddiehor, inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel delitt, jew wieghed li wara l-fatti jassisti, jieqaf mieghu jew jikkompensah biex isir reat ta' frodi ghad-dannu tal-kumpanija tal-assigurazzjoni American Home Assurance li l-agenti taghha huma Montaldo Insurance Agency billi jirrapporta serq ta' vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni FBN 528 meta fil-fatt dan is-serq ma sehhx;

3. U aktar talli fl-1 ta' Marzu 2007 ghall-habta ta' 09.10am, irrenda ruhu komplici f'denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat illi kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta sar rapport lill-pulizija minn haddiehor ta' serq ta' vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni FBN 528 meta fil-fatt kien jaf li dan is-serq ma' sehhx;

4. U kif ukoll talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ta n-nar lil vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni FBN 528 ghad-dannu ta' Maria Concetta Beckson, liema hsara kienet izjed minn hames liri maltin (Lm5.00).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 42D, u 42E tal-Kapitolu 295 tal-Ligijiet ta' Malta;

U kif ukoll l-Artikoli 110(2), 3251A, u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Godfrey Scicluna hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal tmintax(18)-il xahar prigunerija, sospizi ghal sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna wkoll hrug ta’ garanzija favur il-parte civile indikata fl-awla, u cioe’ Maria Concetta Beckson, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien sena, taht penali ta’ hamsin lira maltin (Lm50.00).

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------